

Brussell, 2 ta' April 2024
(OR. en)

8419/24

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0077(NLE)

POLCOM 133
FDI 39
ENER 164

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	27 ta' Marzu 2024
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2024) 143 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar is-sospensjoni parzjali tal-applikazzjoni tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) u kull entità ġuridika li hija proprjetà ta' ċittadini jew ta' nazzjonali tal-Federazzjoni Russa jew tar-Repubblika tal-Belarussja, jew ikkontrollata minnhom u kull Investiment fis-sens tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija li huwa Investiment ta' Investitur tal-Federazzjoni Russa jew tar-Repubblika tal-Belarussja

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2024) 143 final.

Mehmuż: COM(2024) 143 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.3.2024
COM(2024) 143 final

2024/0077 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar is-sospensjoni parzjali tal-applikazzjoni tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) u kull entità ġuridika li hija proprjetà ta' ċittadini jew ta' nazzjonali tal-Federazzjoni Russa jew tar-Repubblika tal-Belarussja, jew ikkontrollata minnhom u kull Investiment fis-sens tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija li huwa Investiment ta' Investitur tal-Federazzjoni Russa jew tar-Repubblika tal-Belarussja

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tiġi sospiża parzjalment l-applikazzjoni tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija ("TKE") bejn l-Euratom u kull entità ġuridika proprjetà taċ-ċittadini, jew tan-nazzjonali tal-Federazzjoni Russa jew tar-Repubblika tal-Belarussja u kkontrollata minnhom, u li ma jkollha l-ebda attività kummerċjali sostanzjali fiż-Żona tal-Parti Kontraenti li fiha tkun organizzata, kif ukoll kull Investiment fis-sens tat-TKE li jkun Investiment ta' Investitur tal-Federazzjoni Russa jew tar-Repubblika tal-Belarussja.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

It-TKE huwa ftehim kummerċjali u ta' investiment multilaterali applikabbli għas-settur tal-enerġija, li ġie ffirmat fl-1994 u li daħal fis-seħħ fl-1998. It-TKE fih dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-investimenti, il-kummerċ u t-tranżitu fil-materjali u l-prodotti tal-enerġija, u mekkaniżmi għas-soluzzjoni tat-tilwim. It-TKE jistabbilixxi wkoll qafas għall-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tal-enerġija bejn il-Partijiet Kontraenti tiegħu. L-UE hija parti għat-TKE¹, flimkien mal-Euratom, għadd ta' Stati Membri, kif ukoll il-Ġappun, l-Iżvizzera, it-Turkija u l-biċċa l-kbira tal-pajjiżi mill-Balkani tal-Punent u tal-eks USSR, bl-eċċezzjoni tar-Russja² u l-Belarussja³.

Skont l-Artikolu 17(1) tat-TKE, kull Parti Kontraenti għandha d-dritt li tiċħad il-vantaġġi tal-Parti III tat-TKE lil entità ġuridika jekk iċ-ċittadini jew in-nazzjonali ta' stat terz jippossjedu jew jikkontrollaw tali entità u jekk dik l-entità ma jkollha l-ebda attività kummerċjali sostanzjali fiż-Żona tal-Parti Kontraenti li fiha tkun organizzata. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 17(2), il-punt (b) tat-TKE, kull Parti Kontraenti tirriżerva d-dritt li tiċħad il-vantaġġi tal-Parti III tat-TKE għal Investiment, jekk il-Parti Kontraenti li tiċħad tistabbilixxi li tali Investiment ikun Investiment ta' Investitur ta' Stat terz li miegħu jew li fir-rigward tiegħu l-Parti Kontraenti li tiċħad, tadotta jew iżżomm miżuri li (i) jipprojbixxu tranżazzjonijiet ma' Investituri ta' dak l-istat; jew (ii) li jinkisru jew jiġu evitati jekk il-benefiċċji tal-Parti III tat-TKE jkunu ngħataw lill-Investituri ta' dak l-Istat jew lill-Investimenti tagħhom.

Minn Marzu 2014 'l hawn, l-UE imponiet progressivament bosta sanzjonijiet kontra l-Federazzjoni Russa, inizjalment bħala rispons għall-annessjoni illegali tal-Krimea u ta' Sevastopol u għad-distabbilizzazzjoni intenzjonata tal-Ukrajna. Fit-23 ta' Frar 2022, l-UE espandiet is-sanzjonijiet b'reazzjoni għar-rikonoxximent taż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tal-"oblasts" Ukreni ta' Donetsk u ta' Luhansk u d-deċiżjoni li jintbagħtu l-forzi armati Russi f'dawk iż-żoni. Wara l-24 ta' Frar 2022, b'reazzjoni għall-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna, l-UE espandiet is-sanzjonijiet b'mod sinifikanti. Hija żiedet għadd sinifikanti ta' persuni u entitajiet mal-lista ta' sanzjonijiet u adottat miżuri mingħajr preċedent bl-għan li ddgħajjef il-bażi ekonomika tar-Russja, biex b'hekk iċċaħħadha minn teknoloġiji u swieq kritiċi, u tnaqqas b'mod sinifikanti l-kapaċità tagħha li tmexxi gwerri.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni 98/181/KE, KEFA, Euratom tat-23 ta' Settembru 1997 rigward il-konklużjoni, mill-Komunitajiet Ewropej, tat-Trattat fuq iċ-Charter tal-Enerġija u l-Protokoll taċ-Charter tal-Enerġija dwar l-effiċjenza fl-enerġija u l-aspetti ambjentali relatati (ĠU L 69, 9.3.1998, pp. 1-116).

² Il-Konferenza straordinarja tal-Karta tal-Enerġija tal-24 ta' Ġunju 2022 irtirat l-istatus ta' osservatur tal-Federazzjoni Russa.

³ Il-Konferenza straordinarja tal-Karta tal-Enerġija tal-24 ta' Ġunju 2022 irtirat l-istatus ta' osservatur tal-Belarussja u l-applikazzjoni proviżorja tat-TKE mill-Belarussja.

Fl-istess waqt, ġie estiż ir-reġim tas-sanzjonijiet tal-UE fuq ir-Repubblika tal-Belaruż minħabba l-involvement ta' dan il-pajjiż fil-gwerra tal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Dan minbarra s-sanzjonijiet immirati lejn ir-Repubblika tal-Belaruż li kienu diġà fis-seħħ. Dan ir-reġim ta' sanzjonijiet jikkonsisti f'firxa ta' miżuri finanzjarji, ekonomiċi u kummerċjali.

La l-Federazzjoni Russa u lanqas ir-Repubblika tal-Belaruż ma huma Parti Kontraenti għat-TKE. Madankollu, investituri minn dawn il-pajjiżi jistgħu jużaw korporazzjonijiet stabbiliti fit-territorju ta' Parti Kontraenti għat-TKE biex jallegaw li l-Euratom jew l-Istati Membri tagħha aġixxew b'mod inkonsistenti mal-obbligi ta' protezzjoni tal-investment tat-TKE u b'hekk iressqu proċedimenti għas-soluzzjoni tat-tilwim bejn l-investitur u l-istat kontra l-Euratom jew l-Istati Membri tagħha.

L-azzjonijiet tal-Euratom u dawk tal-Istati Membri tagħha huma konsistenti mat-TKE u ma' ftehimiet rilevanti oħra u, fi kwalunkwe każ, il-pretensjonijiet fir-rigward ta' tali miżuri huma preklużi skont l-istrumenti applikabbli u d-dritt internazzjonali ġenerali. Minkejja dan, huwa xieraq li jittieħdu passi proċedurali komplementari biex jiġu evitati proċedimenti għas-soluzzjoni tat-tilwim bejn l-investitur u l-istat kontra l-Euratom jew l-Istati Membri tagħha skont it-TKE.

3. MIŻURI PROPOSTI

L-Artikolu 17 tat-TKE jippermetti lill-Partijiet Kontraenti jiċħdu l-benefiċċji tad-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-investment tat-TKE lill-investituri minn Partijiet mhux Kontraenti li jfittxu li jabbużaw mit-TKE billi jressqu pretendenzjonijiet ta' investment permezz ta' korporazzjonijiet fittizji jew fuq miżuri li jappartjenu għal sanzjonijiet ("ċaħda tal-benefiċċji").

Huwa xieraq li jiġi invokat l-Artikolu 17(1) tat-TKE u li jiġu miċħuda l-vantaġġi tal-Parti III tat-TKE lil kull entità ġuridika li hija proprjetà ta' ċittadini jew nazzjonali tal-Federazzjoni Russa jew tar-Repubblika tal-Belaruż jew li hija kkontrollata minnhom u li ma għandha l-ebda attività kummerċjali sostanzjali fiż-Żona tal-Parti Kontraenti li fiha hija organizzata. Bl-istess mod huwa xieraq li dawk il-vantaġġi jiġu miċħuda lil kull Investment fis-sens tat-TKE li jkun Investment ta' Investitur tal-Federazzjoni Russa jew tar-Repubblika tal-Belaruż fiċ-ċirkostanzi tal-Artikolu 17(2)(b).

Iċ-ċaħda tal-benefiċċji skont l-Artikolu 17 timplika sospensjoni parzjali tat-TKE u jenħtieġ li tiġi implimentata mill-Kummissjoni billi toħroġ dikjarazzjoni pubblika f'isem l-Euratom u l-Istati Membri kollha li huma Partijiet Kontraenti għat-TKE.

4. BAŻI LEGALI

It-Trattat Euratom ma fih l-ebda dispożizzjoni ekwivalenti għall-Artikolu 218(9) tat-TFUE għal deċiżjonijiet tal-Kunsill li jissospendu l-applikazzjoni ta' ftehim. Meta ftehim konkluż mill-Euratom, bħat-TKE, irid jiġi sospiż, japplikaw il-proċeduri previsti fl-Artikolu 101 tat-Trattat Euratom.

L-Artikolu 101 il-punt 1 tat-Trattat Euratom jipprevedi li: *"Il-Komunità tista', fil-limiti tal-kompetenza tagħha, tidħol f'obbligi billi tikkonkludi ftehim jew konvenzjonijiet ma' pajjiż terz, ma' organizzazzjoni internazzjonali jew ma' ċittadin ta' pajjiż terz"*.

L-Artikolu 101 il-punt 2 tat-Trattat Euratom jipprevedi li: *"Ftehim u konvenzjonijiet bħal dawn għandhom ikunu innegożjati mill-Kummissjoni skont direttivi maħruġa mill-Kunsill u*

għandhom ikunu konklużi mill-Kummissjoni bl-approvazzjoni tal-Kunsill, li jaġixxi permezz ta' vot ta' maġġoranza kkwalifikata.”

L-invokazzjoni tal-Artikolu 17 tat-TKE twassal għal sospensjoni parzjali tat-TKE, jiġifieri tal-Parti III tat-TKE dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni ta' investimenti, fil-konfront ta' investituri mill-Federazzjoni Russa u mir-Repubblika tal-Belarussja. Għalhekk, il-bażi legali tad-Deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 101 il-punt 2 tat-Trattat Euratom.

5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Billi d-dikjarazzjoni skont l-Artikolu 17 tat-TKE se tissospendi l-applikazzjoni tat-TKE mill-Euratom u mill-Istati Membri kollha li huma Partijiet Kontraenti għat-TKE, huwa xieraq li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar is-sospensjoni parzjali tal-applikazzjoni tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) u kull entità ġuridika li hija proprjetà ta' ċittadini jew ta' nazzjonali tal-Federazzjoni Russa jew tar-Repubblika tal-Belarussja, jew ikkontrollata minnhom u kull Investiment fis-sens tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija li huwa Investiment ta' Investitur tal-Federazzjoni Russa jew tar-Repubblika tal-Belarussja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 101 il-punt 2 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) It-Trattat tal-Karta tal-Enerġija ("il-Ftehim") ġie konkluż mill-Euratom bid-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni 98/181/KE, KEFA, Euratom tat-23 ta' Settembru 1997 rigward il-konklużjoni, mill-Komunitajiet Ewropej, tat-Trattat fuq iċ-Charter tal-Enerġija u l-Protokoll taċ-Charter tal-Enerġija dwar l-effiċjenza fl-enerġija u l-aspetti ambjentali relatati (ĠU L 69, 9.3.1998, pp. 1-116) u daħal fis-seħħ fis-16 ta' April 1998.
- (2) Skont l-Artikolu 17(1) tal-Ftehim, kull Parti Kontraenti tirriżerva d-dritt li tiċħad il-vantaġġi tal-Parti III tal-Ftehim lil entità legali jekk ċittadini jew nazzjonali ta' stat terz jippossjedu jew jikkontrollaw tali entità u jekk dik l-entità ma jkollha l-ebda attività kummerċjali sostanzjali fiż-Żona tal-Parti Kontraenti li fiha tkun organizzata.
- (3) Skont l-Artikolu 17(2), il-punt (b) tal-Ftehim, kull Parti Kontraenti tirriżerva d-dritt li tiċħad il-vantaġġi tal-Parti III tal-Ftehim għal Investiment, jekk il-Parti Kontraenti li tiċħad tistabbilixxi li tali Investiment ikun Investiment ta' Investitur ta' Stat terz li miegħu jew li fir-rigward tiegħu l-Parti Kontraenti li tiċħad tadotta jew iżżomm miżuri li (i) jipprojbixxu tranżazzjonijiet ma' Investituri ta' dak l-Istat; jew (ii) li jinkisru jew jiġu evitati jekk il-benefiċċji tal-Parti III tal-Ftehim jingħataw lill-Investituri ta' dak l-Istat jew lill-Investimenti tagħhom.
- (4) L-Unjoni imponiet b'mod progressiv miżuri restrittivi (sanzjonijiet) kontra l-Federazzjoni Russa, inizjalment b'reazzjoni għall-annessjoni illegali tal-Krimea u ta' Sevastopol u għad-destabbilizzazzjoni deliberata tal-Ukrajna. L-Unjoni espandiet is-sanzjonijiet b'reazzjoni għar-rikonoxximent taż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tal-"oblasts" Ukreni ta' Donetsk u ta' Luhansk u d-deċiżjoni li jintbagħtu l-forzi armati Russi f'dawk iż-żoni. B'reazzjoni għall-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna, l-Unjoni espandiet b'mod sinifikanti s-sanzjonijiet.
- (5) Fl-istess waqt, ġie estiż ir-reġim tas-sanzjonijiet tal-Unjoni fuq ir-Repubblika tal-Belarussja minħabba l-involviment ta' dan il-pajjiż fil-gwerra tal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna.

- (6) La l-Federazzjoni Russa u lanqas ir-Repubblika tal-Belarus ma huma Parti Kontraenti għall-Ftehim. Madankollu, investituri minn dawn il-pajjiżi jistgħu jippruvaw jużaw korporazzjonijiet stabbiliti fit-territorju ta' Parti Kontraenti għall-Ftehim biex jallegaw li l-Euratom jew l-Istati Membri tagħha aġixxew b'mod inkonsistenti mal-obbligi ta' protezzjoni tal-investment tat-TKE u b'hekk iressqu proċedimenti għas-soluzzjoni tat-tilwim bejn l-investitur u l-istat kontra l-Euratom jew l-Istati Membri tagħha.
- (7) L-azzjonijiet tal-Euratom u dawk tal-Istati Membri tagħha huma konsistenti mat-TKE u ma' ftehimiet rilevanti oħra u, fi kwalunkwe każ, il-pretensjonijiet fir-rigward ta' tali miżuri huma preklużi skont l-istrumenti applikabbli u d-dritt internazzjonali ġenerali. Minkejja dan, huwa xieraq li jittieħdu passi proċedurali komplementari biex jiġu evitati proċedimenti għas-soluzzjoni tat-tilwim bejn l-investitur u l-istat kontra l-Euratom jew l-Istati Membri tagħha skont it-TKE.
- (8) L-Artikolu 17 tal-Ftehim jippermetti lill-Partijiet Kontraenti jiċħdu l-benefiċċji tad-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-investment tal-Ftehim lill-investituri minn Partijiet mhux Kontraenti li jfittxu li jabbużaw mill-Ftehim billi jressqu pretensjonijiet ta' investment fis-sitwazzjonijiet imsemmija hawn fuq ("ċaħda tal-benefiċċji").
- (9) Huwa xieraq li jiġi invokat l-Artikolu 17(1) tal-Ftehim fir-rigward ta' kull entità ġuridika li hija proprjetà ta' ċittadini jew nazzjonali tal-Federazzjoni Russa jew tar-Repubblika tal-Belarus jew ikkontrollata minhom, u li ma għandha l-ebda attività kummerċjali sostanzjali fiż-Żona tal-Parti Kontraenti li fiha hija organizzata. Bl-istess mod huwa xieraq li jiġi invokat l-Artikolu 17(2)(b) fir-rigward ta' kull Investment fis-sens tal-Ftehim li jkun Investment ta' Investitur tal-Federazzjoni Russa jew tar-Repubblika tal-Belarus jew fiċ-ċirkostanzi deskritti f'dik id-dispożizzjoni.
- (10) Iċ-ċaħda tal-benefiċċji skont l-Artikolu 17 tal-Ftehim timplika s-sospensjoni parzjali tal-Ftehim u jenħtieġ li tiġi implimentata mill-Kummissjoni billi toħroġ id-Dikjarazzjoni pubblika fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni f'isem l-Euratom u l-Istati Membri kollha li huma Partijiet Kontraenti għall-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Iċ-ċaħda min-naħa tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, skont l-Artikolu 17(1) tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija, tal-vantaġġi tal-Parti III ta' dan il-ftehim lil kull entità ġuridika li hija proprjetà ta' ċittadini jew ta' nazzjonali tal-Federazzjoni Russa jew tar-Repubblika tal-Belarus jew ikkontrollata minnhom, u li ma għandha l-ebda attività kummerċjali sostanzjali fiż-Żona tal-Parti Kontraenti li fiha tkun organizzata, hija b'dan, approvata.
2. Iċ-ċaħda min-naħa tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, skont l-Artikolu 17(2)(b) tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija, tal-vantaġġi tal-Parti III ta' dan il-ftehim għal kull Investment ta' Investitur tal-Federazzjoni Russa jew tar-Repubblika tal-Belarus jew fiċ-ċirkostanzi deskritti f'din id-dispożizzjoni, hija b'dan approvata.

Artikolu 2

Il-ħruġ mill-Kummissjoni tad-Dikjarazzjoni fl-Anness huwa b'dan approvat.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*